KLR 1/IX/2024

Minuti tal-ewwel laqgħa tad-disa' Kunsill Lokali tar-Rabat, Citta' Victoria, Għawdex. Din inżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 1 ta' Lulju 2024 fil-17.00.

**PREŻENTI:**
Brian Azzopardi, George Cassar, Mariella Abela, Josef Schembri, Joseph Debrincat, Michel Buttigieg u Marcell Tabone.

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

Marcell Tabone ppresjeda l-laqgħa peress li hu l-akbar kunsillier li jappartjeni għall-partit li eleġġa il-maġġoranza tal-kunsillieri fl-aħħar elezzjoni.

Intqalet talba.

**1.1 Talba**

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**1.2 Qari tal-ittri t'apoloġija**

1.2 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**1.3 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

Brian Azzopardi ġab l-akbar ammont ta' voti mill-partit li eleġġa l-akbar ammont ta' kunsilliera. Il-kunsillier Tabone staqsieh jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Dan aċċetta u ffirma d-dokument meħtieġ.

**1.4 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku**

George Cassar li ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti mill-partit li ġab il-maġġoranza, ġie mistoqsi mill-kunsillier Tabone jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Dan aċċetta u ffirma d-dokument meħtieġ.

___________

Is-Sindku feraħ lill-kunsilliera kollha speċjalment lill-Josef Schembri li kien l-ewwel wieħed li feraħlu b'mod sinċier. Azzopardi qal li jixtieq li dan il-Kunsill jitmexxa b'mod seren hekk kif mexxieh Schembri. Feraħ lil Joe Debrincat li hu l-unika Kunsillier li dejjem kien elett fid-disa' Kunsilli Lokali tar-Rabat Għawdex. Sellem lil Maria Portelli u Charlie Hili li kienu membri fil-kunsill preċedenti u li ma reġgħux ikkontestaw u ssuġġerixxa li tintbagħtilhom ittra ta' ringrazzjament. Il-membri qablu.

Is-Sindku tenna li r-Rabat Għawdex hi Belt unika f' Malta u Għawdex peress li kollox qiegħed ikkonċentrat fiha. Għalhekk qal li r-responsabbilta' ta' kull membru tal-Kunsill hi ikbar minn dik ta' kull kunsillier ieħor f'kunsilli lokali oħra. Tenna li jixtieq Kunsill pro-attiv u li jkun fuq quddiem fiż-żamma tal-indafa, akkwist ta' fondi u fl-attivitajiet. Qal li x-xogħol tal-membri tal-Kunsill mhux dejjem ikun apprezzat, imma m'għandux dubju li hu u sħabu l-membri tal-Kunsill ser jagħmlu l-almu tagħhom għall-ġid tal-Belt Għawdxija. Is-Sindku għalaq u qal li hu se jkun leali lejn sħabu l-kunsilliera sabiex jintlaħaq l-għan ta' dan il-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fil-17.45 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024 fid-09.00. Sadanittant, is-Sindku u l-Viċi Sindku se jieħdu l-ġurament tal-karigi rispettivi tagħhom nhar il-Gimgħa, 5 ta' Lulju 2024, f'Cerimonja tal-Għoti tal-Ġuramenti tas-Sindki u Viċi Sindki tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ġewwa d-Ditch taċ-Cittadella, organizzata mill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |